SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

28 ta' Mejju 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva (UE) 2015/1535 – Standards u regolamenti tekniċi – Turbini eoliċi – Direttiva 2006/123/KE – Kunċett ta' 'servizz' – Ambjent – Direttiva 2009/28/KE – Promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli – Għanijiet vinkolanti nazzjonali globali – Regola nazzjonali dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni li tapplika għall-installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli – Proporzjonalità – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi restrizzjonijiet dwar il-lokalizzazzjoni tat-turbini eoliċi"

Fil-Kawża C-727/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Kielcach (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali ta' Kielce, il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Ottubru 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Diċembru 2017, fil-proċedura

Syndyk Masy Upadłości ECO-WIND Construction S.A. w upadłości, li kienet ECO-WIND Construction S.A.,

vs

Samorządowe Kolegium Odwoławcze w Kielcach,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, S. Rodin, D. Šváby (Relatur), K. Jürimäe, u N. Piçarra, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: M. Aleksejev, Kap ta' diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Frar 2020,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Syndyk Masy Upadłości ECO-WIND Construction S.A. w upadłości, minn Ł. Szatkowski u M. Krasińska, radcowie prawni, kif ukoll minn M. Trzaskowska u A. Szufel, adwokaci,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna u M. Rzotkiewicz u D Lutostańska, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn D. Klebs, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn L. Fiandaca, avvocato dello Stato,

– għall-Gvern Awstrijak, minn J. Schmoll u G. Hesse, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn K. Herrmann, Y. G. Marinova, K. Talabér-Ritz u L. Malferrari, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU 2015, L 241, p. 1), tal-Artikolu 15(2)(a) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36), kif ukoll tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) u tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU 2009, L 140, p. 16), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 (ĠU 2015, L 239, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 234, p. 26) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2009/28").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Syndyk Masy Upadłości ECO-WIND Construction S.A. w upadłości, li kienet ECO-WIND Construction S.A. (iktar 'il quddiem "ECO-WIND"), u Samorządowe Kolegium Odwoławcze w Kielcach (il-Bord Awtonomu tal-Appell ta' Kielce, il-Polonja) dwar deċiżjoni ta' dan tal-aħħar li tirrifjuta li tagħti l-kunsens tiegħu għall-kostruzzjoni ta' park eoliku fit-territorju tal-Komun ta' Opatów (il-Polonja).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2015/1535

3 L-Artikolu 1(1)(c), (d) u (f) tad-Direttiva 2015/1535 jistabbilixxi li:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(c) 'speċifikazzjoni teknika' tfisser speċifikazzjoni li tinsab f'dokument li jistabbilixxi l-karatteristiċi meħtieġa ta' prodott bħalma huma l-livelli ta' kwalità, ir-riżultat tal-ħidma, is-sigurtà jew id-dimensjonijiet, inklużi l-ħtiġiet li japplikaw għall-prodott rigward l-isem li bih il-prodott jinbiegħ, it-terminoloġija, is-simboli, l-eżaminazzjoni u l-metodi tal-eżaminazzjoni, l-imballaġġ, l-immarkar jew l-ittikkettjar u l-proċeduri ta' stima tal-konformità;

[…]

(d) 'ħtiġiet oħra' tifsser ħtieġa, għajr speċifikazzjoni teknika, imposta fuq prodott bil-għan li tipproteġi, b'mod partikolari, il-konsumatur jew l-ambjent, u li taffettwa ċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu wara li jkun inħareġ fis-suq, bħalma huma l-kondizzjonijiet dwar l-użu, ir-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid jew ir-rimi, fejn dawn il-kondizzjonijiet jistgħu jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-kompożizzjoni jew in-natura tal-prodott jew il-bejgħ tiegħu fis-suq;

[…]

(f) 'regolament tekniku' tfisser speċifikazzjonijiet tekniċi u ħtiġiet oħra jew regoli dwar servizzi, inklużi d-dispożizzjonijiet amministrattivi relevanti, li l-osservanza tagħhom hija obbligatorja, de jure jew *de facto*, fil-każ tat-tqegħid fis-suq, il-forniment ta' servizz, l-istabbiliment ta' operatur tas-servizz jew l-użu fi Stat Membru jew f'parti l-kbira minnu, kif ukoll il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri, għajr dawk ipprovduti fl-Artikolu 7, li jipprojbixxu l-fabbrikazzjoni, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' prodott, jew li jipprojbixxu l-forniment jew l-użu ta' servizz, jew l-istabbiliment ta' fornitur tas-servizz;

Ir-regolamenti tekniċi *de facto* għandhom jinkludu:

(i) il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru li jirreferu jew għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew għal ħtiġiet oħra jew għal regoli dwar is-servizzi, jew għall-kodiċijiet professjonali jew il-kodiċijiet ta' prattika li, min-naħa tagħhom, jirreferu għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew għal ħtiġiet oħra jew għal regoli dwar is-servizzi, li l-ħarsien tagħhom jagħti preżunzjoni ta' konformità mal-obbligi imposti mil-liġijiet, mir-regolamenti jew mid-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija iktar 'il fuq,

(ii) ftehim volontarji li awtorità pubblika tkun parti kontrattanti għalihom u li jipprovdu, fl-interess ġenerali, għal konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew ħtiġiet oħra jew regoli dwar servizzi, għajr speċifikazzjonijiet dwar l-offerti tal-akkwist pubbliku,

(iii) speċifikazzjonijiet tekniċi jew ħtiġiet oħra jew regoli dwar servizzi li huma marbutin ma' miżuri fiskali jew finanzjarji li jaffettwaw il-konsum ta' prodotti jew ta' servizzi billi jinkoraġġixxu l-konformità ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew il-ħtiġiet l-oħra jew ir-regoli dwar servizzi; speċifikazzjonijiet tekniċi jew ħtiġiet oħra jew regoli dwar servizzi marbutin mas-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali mhumiex inklużi.

Dan jinkludi r-regolamenti tekniċi imposti mill-awtoritajiet innominati mill-Istati Membri u li jidhru f'lista stabbilita u aġġornata, jekk meħtieġ, mill-Kummissjoni fil-qafas tal-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2.

Għandha tiġi użata l-istess proċedura biex tiġi emendata din il-lista".

4 L-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva jipprevedi li:

"Soġġetti għall-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw fil-pront lill-Kummissjoni kull abbozz ta' regolament tekniku, għajr fejn dan sempliċiment jittrasponi t-test ta' standard internazzjonali jew Ewropew, f'liema każ l-informazzjoni li jkollha x'taqsam mal-istandard relevanti tkun biżżejjed; għandhom ukoll iħallu lill-Kummissjoni tagħmel dikjarazzjoni dwar ir-raġunijiet li jagħmlu meħtieġa l-leġislazzjoni ta' dan ir-regolament tekniku, fejn dawk ir-raġunijiet ma jkunux diġà ġew magħmula ċari fl-abbozz.

[…]"

Id-Direttiva 2006/123

5 Il-premessa 76 tad-Direttiva 2006/123 tgħid li:

"Din id-Direttiva ma tikkonċernax l-applikazzjoni ta' l-Artikoli [34 sa 36 TFUE] relatata mal-moviment liberu tal-merkanzija. Ir-restrizzjonijiet ipprojbiti skond id-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jkopru r-rekwiżiti applikabbli għal aċċess għal attivitajiet ta' servizzi jew għall-eżerċizzju tagħhom u mhux applikabbli għal merkanzija."

6 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/123, intitolat "Kamp ta' Applikazzjoni", jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li din id-direttiva għandha tapplika għas-servizzi pprovduti mill-fornituri stabbiliti fi Stat Membru, filwaqt li l-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-artikolu jirrigwardaw l-attivitajiet u l-oqsma li għalihom hija ma tapplikax.

7 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", huwa fformulat kif ġej:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) 'servizz' tfisser attività ekonomika mhux imħallsa, normalment magħmula għal remunerazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu [57 TFUE];

[…]"

8 L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/123, intitolat "Rekwiżiti li għandhom jiġu evalwati", jistabbilixxi, fil-paragrafi 2 u 7 tiegħu, li:

"2. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw jekk is-sistema legali tagħhom tagħmilx l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha soġġetta għal konformità ma' kwalunkwe minn dawn ir-rekwiżiti mhux-diskriminatorji:

(a) restrizzjonijiet kwantitattivi jew territorjali, b'mod partikolari f'forma ta' limiti ffissati skond il-popolazzjoni, jew ta' distanza ġeografika minima bejn il-fornituri;

[…]

7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ġodda li jistabbilixxu rekwiżiti kif imsemmija fil-paragrafu 6, flimkien mar-raġunijiet għal dawk ir-rekwiżiti. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-dispożizzjonijiet ikkonċernati lill-Istati Membri l-oħrajn. Notifika bħal din għandha żżomm lill-Istati Membri milli jadottaw id-dispożizzjonijiet in kwistjoni.

Fi żmien 3 xhur mid-data li tkun irċevuta n-notifika, il-Kummissjoni għandha teżamina l-kompatibbiltà ta' kwalunkwe rekwiżit ġdid mal-liġi [tal-Unjoni] u, fejn xieraq, għandha tadotta deċiżjoni li titlob l-Istat Membru kkonċernat ma jadottahx jew ineħħih.

In-notifika ta' abbozz ta' liġi nazzjonali skond id-Direttiva 98/34/KE għandha tissodisfa l-obbligu ta' notifika prevista f'din id-Direttiva."

Id-Direttiva 2009/28

9 Il-premessi 14, 19 u 40 tad-Direttiva 2009/28 jipprevedu li:

"(14) L-għan ewlieni ta' miri nazzjonali mandatorji huwa li jipprovdi ċertezza għall-investituri u li jinkoraġġixxi żvilupp kontinwu ta' teknoloġiji li jiġġeneraw l-enerġija mit-tipi kollha ta' sorsi rinnovabbli.

[…]

(19) Sabiex jiġi żgurat li l-miri globali nazzjonali mandatorji jintlaħqu, l-Istati Membri għandhom jaħdmu lejn trajettorju indikattiv li jindika triq lejn l-ilħiq tal-miri mandatorji finali tagħhom. Huma għandhom jistabbilixxu pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli li jinkludi informazzjoni dwar miri settorjali, filwaqt li jżommu f'moħħhom li jeżistu użi differenti għall-bijomassa u li għalhekk huwa essenzjali li jiġu mobilizzati riżorsi ġodda tal-bijomassa. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri biex jintlaħqu dawk il-miri. Kull Stat Membru għandu jevalwa, meta jkun qed jevalwa l-konsum finali gross mistenni tal-enerġija fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar l-enerġija rinnovabbli, il-kontribut li l-effiċjenza fl-enerġija u l-miżuri ta' ffrankar ta' enerġija jistgħu jagħtu sabiex jintlaħqu l-miri nazzjonali tiegħu. L-Istati Membri għandhom iqisu l-kumbinazzjoni ottimali ta' teknoloġiji tal-enerġija effiċjenti ma' enerġija minn sorsi rinnovabbli.

[…]

(40) Il-proċedura użata mill-amministrazzjoni responsabbli għall-kontroll tal-awtorizzazzjoni, taċ-ċertifikazzjoni u l-liċenzjar ta' impjanti tal-enerġija rinovabbli għandha tkun oġġettiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u proporzjonata meta jkunu qed jiġi applikati r-regoli għal proġetti speċifiċi. […]"

10 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi li:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni għall-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Hija tistabbilixxi miri nazzjonali mandatorji għas-sehem globali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija u għas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport. […]"

11 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Miri u miżuri globali nazzjonali mandatorji għall-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli", jipprevedi li:

"1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, ikkalkulat skont l-Artikoli 5 sa 11, fil-konsum finali gross ta' enerġija fl-2020 jkun mill-inqas il-mira globali nazzjonali tiegħu għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'dik is-sena, kif stabbilit fit-tielet kolonna tat-tabella fil-Parti A tal-Anness I. Dawn il-miri globali nazzjonali mandatorji huma konsistenti ma' mira ta' sehem ta' mill-inqas 20 % mill-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum gross finali tal-enerġija [tal-Unjoni] fl-2020. Sabiex il-miri stabbiliti f'dan l-Artikolu jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod aktar faċli, kull Stat Membru għandu jippromwovi u jinkuraġġixxi l-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija.

[…]

2. L-Istati Membri għandhom jintroduċu miżuri mfassla b'mod effikaċi biex jiżguraw li s-sehem ta' enerġija mis-sorsi rinnovabbli tkun ugwali għal jew taqbeż dawk murija fit-trajettorja indikattiva stabbilita fil-Parti B tal-Anness I.

[…]"

12 L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/28, intitolat "Proċeduri amministrattivi, regolamenti u kodiċijiet", jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull regola nazzjonali li tikkonċerna l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar li huma applikati għal impjanti u trasmissjoni assoċjata u infrastrutturi tan-netwerk tad-distribuzzjoni għall-produzzjoni tal-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u għall-proċess ta' trasformazzjoni tal-bijomassa f'bijokarburanti jew prodotti tal-enerġija oħra, jkunu proporzjonati u meħtieġa.

L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jieħdu l-passi adatti biex jiżguraw li:

(a) soġġett għal differenzi bejn l-Istati Membri fl-istrutturi amministrattivi u organizzattivi tagħhom, ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-korpi amministrattivi nazzjonali, reġjonali u lokali għal proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar inkluż l-ippjanar ġeografiku huma kkoordinati u definiti b'mod ċar, bi skedi ta' żmien trasparenti biex jiġu ddeterminati applikazzjonijiet għall-ippjanar u l-bini;

(b) tagħrif komprensiv dwar l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar għall-impjanti ta' enerġija rinnovabbli u dwar l-għajnuna disponibbli għall-applikanti jsiru disponibbli fil-livell xieraq;

(c) il-proċeduri amministrattivi huma simplifikati u mgħaġġla fil-livell amministrattiv xieraq;

(d) ir-regoli li jirregolaw l-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-liċenzjar ikunu oġġettivi, trasparenti, proporzjonali, ma jiddiskriminawx bejn l-applikanti u jikkunsidraw bis-sħiħ il-partikolaritajiet ta' teknoloġiji individwali ta' enerġija rinnovabbli;

[…]"

13 Il-parti A tal-Anness I ta' din id-direttiva tesponi l-"[m]iri globali nazzjonali għas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali ta' enerġija fl-2020" u tipprevedi, fir-rigward tar-Repubblika tal-Polonja, li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli għandu jkun ta' 15 % għas-sena 2020.

14 Il-parti B tal-Anness I tal-imsemmija direttiva tippreżenta l-metodu ta' kalkolu tat-trajettorja indikattiva li għandha tiġi segwita sabiex jintlaħqu l-għanijiet globali stabbiliti għall-Istati Membri.

Id-dritt Pollakk

15 L-Artikolu 3 tal-ustawa o inwestycjach w zakresie elektrowni wiatrowych (il-Liġi dwar l-Investimenti li Jirrigwardaw it-Turbini Eoliċi), tal-20 ta' Mejju 2016 (Dz. U. tal-2016, pożizzjoni 961, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar it-Turbini Eoliċi"), jipprevedi li l-lokalizzazzjoni tat-turbina eolika għandha tiġi ddefinita esklużivament abbażi tal-pjan lokali ta' żvilupp tat-territorju.

16 L-Artikolu 4 tal-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi jistabbilixxi li:

"Id-distanza li fiha tista' tinsab jew tinbena:

1) turbina eolika, fir-rigward ta' bini residenzjali jew bini ta' użu mħallat, li jinkludi funzjoni residenzjali, u

2) bini residenzjali jew bini ta' użu mħallat, li jinkludi funzjoni residenzjali, fir-rigward ta' turbina eolika,

għandha tkun ugwali għal jew iktar minn għaxar darbiet l-għoli tat-turbina eolika, imkejjel mil-livell tal-art sal-ogħla punt tal-istruttura, inklużi l-elementi tekniċi, b'mod partikolari r-rotor bil-pali (għoli totali tat-turbina eolika).

[…]"

17 Skont l-Artikolu 6 ta' din il-liġi, id-distanza stabbilita fl-Artikolu 4 tal-imsemmija liġi għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, minn:

– il-korpi tal-komuni u l-provinċja, meta jistabbilixxu, jivvotaw dwar jew jadottaw pjan lokali jew il-modifiki tiegħu;

– il-korpi amministrattivi kompetenti fil-qasam tal-arkitettura u tal-kostruzzjoni, meta joħorġu permessi għall-kostruzzjoni jew jevalwaw il-fondatezza ta' appell ippreżentat kontra talba, u

– il-korpi li jadottaw deċiżjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ambjentali, fil-mument ta' dawn l-adozzjonijiet.

18 Il-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi daħlet fis-seħħ erbatax-il jum wara l-pubblikazzjoni tagħha, jiġifieri fis-16 ta' Lulju 2016.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

19 L-attività prinċipali ta' ECO-WIND hija l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' enerġija elettrika u ta' tisħin kif ukoll il-provvista ta' servizzi marbuta mal-enerġija.

20 Fil-15 ta' Settembru 2015, ECO-WIND ressqet quddiem is-sindku tal-Belt u tal-Komun ta' Opatów talba għall-awtorizzazzjoni ta' proġett ta' park eoliku. Id-deċiżjoni tas-sindku kienet teħtieġ il-kunsens minn qabel tar-Regionalny Dyrektor Ochrony Środowiska w Kielcach (id-Direttur Reġjonali Responsabbli għall-Protezzjoni tal-Ambjent ta' Kielce, il-Polonja) u d-determinazzjoni, minnu, tal-kundizzjonijiet ambjentali għat-twettiq ta' dan il-proġett. Issa, fil-25 ta' Novembru 2016, dan id-direttur reġjonali adotta deċiżjoni ta' rifjut minħabba n-nuqqas ta' osservanza, bejn it-turbini eoliċi ppjanati u l-bini residenzjali eżistenti, tad-distanzi stabbiliti fil-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi.

21 Għaldaqstant, permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Jannar 2017, is-sindku tal-Belt u tal-Komun ta' Opatów ma laqax it-talba ta' ECO-WIND.

22 Adit b'appell minn din id-deċiżjoni, il-Bord Awtonomu tal-Appell ta' Kielce annulla din id-deċiżjoni minħabba "użu żbaljat [mis-sindku tal-Belt u tal-Komun ta' Opatów] tat-terminoloġija ġuridika". Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-mertu, huwa qies li l-lokalizzazzjoni ppjanata tal-park eoliku inkwistjoni ma kinitx konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli. Fil-fatt, l-Artikolu 4 tal-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi jimponi l-osservanza ta' distanza minima bejn turbina eolika u bini li għandu funzjoni residenzjali, ugwali għal jew iktar minn għaxar darbiet l-għoli tat-turbina eolika ppjanata. Issa, it-turbini eoliċi ppjanati ser ikollhom għoli ta' 146 metru u ser jinbnew biss b'distanza ta' 431 metru sa 703 metru minn bini residenzjali filwaqt li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, tali turbini eoliċi jistgħu jinbnew biss b'distanza minima ta' 1 460 metru mill-bini residenzjali l-iktar viċin. Barra minn hekk, il-Bord Awtonomu tal-Appell ta' Kielce rrileva li l-leġiżlatur nazzjonali kien indika, fl-espożizzjoni tal-motivi tal-abbozz tal-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi, li din il-liġi ma kinitx tinkludi regolamenti tekniċi, fis-sens tal-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 2015/1535.

23 ECO-WIND ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni ta' dan il-bord quddiem il-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Kielcach (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali ta' Kielce, il-Polonja).

24 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, l-ewwel nett, dwar jekk l-Artikoli 3 u 4 tal-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi jistax ikollhom effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva u, għaldaqstant, jikkontradixxux l-Artikolu 34 TFUE. Fil-fatt, l-istess Artikoli 3 u 4 joħolqu limitazzjoni, għal dak li jirrigwarda l-lokalizzazzjoni tat-turbini eoliċi ta' għoli ta' iktar minn 100 metru, ta' 1 % tas-superfiċji tat-territorju Pollakk u jwasslu *de facto* għal limitazzjoni tal-kummerċ tat-turbini eoliċi. Barra minn hekk, minkejja l-formulazzjoni tal-espożizzjoni tal-motivi tal-abbozz tal-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi, il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji dwar jekk l-imsemmija Artikoli 3 u 4 jikkostitwixxux regolamenti tekniċi, fis-sens tal-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 2015/1535, li kellhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva.

25 It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-possibbiltà li jiġu assimilati l-limiti li jirriżultaw mir-rekwiżit li jgħid li l-installazzjoni ta' turbina eolika hija suġġetta għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali ma' limiti territorjali bejn forniturі ta' servizzi, fis-sens tal-Artikolu 15(2)(a) tad-Direttiva 2006/123. Fil-fatt, dan ir-rekwiżit jista' *de facto* jkollu bħala konsegwenza li jillimita d-distanzi ġeografiċi bejn il-forniturі li jeżerċitaw attività ekonomika fil-qasam tal-produzzjoni tal-elettriku mit-turbini eoliċi.

26 It-tielet nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali li jinsab fl-Artikolu 4(3) TUE kif ukoll tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, il-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi tistax titqies li hija konformi mad-Direttiva 2009/28. B'mod iktar partikolari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk din il-liġi tistax tipperikola t-tilħiq tal-għan mogħti minn din id-direttiva lir-Repubblika tal-Polonja, jiġifieri li tilħaq il-limitu ta' 15 % tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fil-Polonja fl-2020.

27 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva diversi indizji li wassluha sabiex tiddubita mill-konformità tal-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi mad-Direttiva 2009/28.

28 Minn naħa, hija tosserva li l-espożizzjoni tal-motivi tal-abbozz tal-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi ma tinkludix biżżejjed elementi li jippermettu li jitqies li r-rekwiżit li jgħid li l-installazzjoni ta' turbina eolika hija suġġetta għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali huwa ġġustifikat minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u li huwa proporzjonat mal-għan imfittex mil-leġiżlatur nazzjonali. B'mod iktar partikolari, hija tqis li r-riferiment, magħmul f'din l-espożizzjoni tal-motivi, għall-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent kif ukoll għall-interess tal-abitanti ma huwiex konvinċenti. Barra minn hekk, hija tiddubita jekk dan ir-rekwiżit huwiex proporzjonat sa fejn din id-distanza ma hijiex marbuta ma' rekwiżiti ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' ksur tal-istandards ambjentali u li leġiżlazzjoni inqas restrittiva tista' tissodisfa l-għan imfittex mil-leġiżlatur nazzjonali. Hija tosserva, f'dan ir-rigward, li d-distanza bejn it-turbini eoliċi u l-bini li għandu funzjoni residenzjali tista' tvarja skont it-tip ta' teknoloġija użata jew skont l-istandards akustiċi.

29 Min-naħa l-oħra, hija tirreferi għall-espożizzjoni tal-motivi ta' abbozz ta' emenda tal-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi tad-9 ta' Awwissu 2016 li minnha jirriżulta li l-adozzjoni ta' din il-liġi wasslet għal limitazzjoni kunsiderevoli tal-possibbiltajiet ta' kostruzzjoni ta' turbini eoliċi fit-territorju Pollakk u li l-imsemmija liġi tmur kontra n-neċessità li tiġi żviluppata l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

30 F'dan il-kuntest, il-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Kielcach (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali ta' Kielce) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 1(1)(f) tad-[Direttiva 2015/1535] għandu jiġi interpretat fis-sens li taħt 'regolament tekniku', li l-abbozz tiegħu għandu jiġi trażmess lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 5(1) tal-imsemmija direttiva, għandha taqa' dispożizzjoni legali, li tintroduċi restrizzjoni fuq il-lokalizzazzjoni tal-installazzjonijiet għall-ħolqien tal-elettriku mir-riħ (windfarms) li permezz ta'

tali dispożizzjoni legali tiġi stabbilita distanza minima mil-lokalizzazzjoni tagħhom sal-bini residenzjali jew bini ta' użu mħallat, li jinkludi funzjoni ta' residenza, li din għandha tkun tal-inqas għaxar darbiet l-għoli tat-turbini tar-riħ mil-livell tal-art sal-ogħla punt tal-bini, inklużi l-elementi tekniċi, b'mod partikolari r-'rotor' bil-pali?

2) L-Artikolu 15(2)(a) tad-[Direttiva 2006/123] għandu jiġi interpretat fis-sens li taħt ir-regoli li jissuġġettaw it-twettiq jew it-tkomplija ta' attività ta' servizzi għal restrizzjoni territorjali b'mod partikolari fil-forma ta' limiti stabbiliti b'rabta mad-distanza ġeografika minima bejn il-forniturі ta' servizzi, li għalihom l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 15(7) tal-imsemmija direttiva, għandha taqa' dispożizzjoni legali li tintroduċi restrizzjoni fuq il-lokalizzazzjoni tal-installazzjonijiet għall-ħolqien tal-elettriku mir-riħ, li permezz tagħha tiġi stabbilita distanza minima mil-lokalizzazzjoni tagħhom sal-bini residenzjali jew bini ta' użu mħallat, li jinkludi funzjoni ta' residenza, li din għandha tkun tal-inqas għaxar darbiet l-għoli tat-turbini tar-riħ mil-livell tal-art sal-ogħla punt tal-bini, inklużi l-elementi tekniċi, b'mod partikolari r-'rotor' bil-pali?

3) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-[Direttiva 2009/28] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tintroduċi restrizzjoni fuq il-lokalizzazzjoni tal-installazzjonijiet għall-ħolqien tal-elettriku mir-riħ li permezz tagħha tiġi stabbilita distanza minima mil-lokalizzazzjoni tagħhom sal-bini residenzjali jew bini ta' użu mħallat, li jinkludi funzjoni ta' residenza, li din għandha tkun tal-inqas għaxar darbiet l-għoli tat-turbini tar-riħ mil-livell tal-art sal-ogħla punt tal-bini, inklużi l-elementi tekniċi, b'mod partikolari r-'rotor' bil-pali?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

31 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 2015/1535 għandux jiġi interpretat fis-sens li r-rekwiżit li jgħid li l-installazzjoni ta' turbina eolika hija suġġetta għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali jikkostitwixxi regolament tekniku li għandu jkun is-suġġett ta' notifika skont l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva.

32 L-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 2015/1535 isemmi erba' kategoriji ta' regolamenti tekniċi, jiġifieri, l-ewwel nett, "speċifikazzjoni teknika", it-tieni nett, "ħtiġiet oħra", it-tielet nett, "regoli dwar servizzi" u, ir-raba' nett, "il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri […] li jipprojbixxu l-fabbrikazzjoni, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' prodott".

33 Sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda, għandu għalhekk jiġi eżaminat jekk ir-rekwiżit li jgħid li l-installazzjoni ta' turbina eolika hija suġġetta għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali jaqax taħt waħda mill-erba' kategoriji ta' regolamenti tekniċi previsti minn din id-dispożizzjoni.

34 F'dan ir-rigward, għal dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-kategorija tar-"regoli dwar servizzi", għandu jiġi osservat li l-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kwistjoni jekk dan ir-rekwiżit jikkostitwixxix regolament tekniku minħabba, jekk mhux ta' projbizzjoni *de facto*, għall-inqas ta' limitazzjoni *de facto*, tal-kummerċjalizzazzjoni jew tal-użu tal-apparati li jservu għall-produzzjoni ta' enerġija minn sors eoliku, jiġifieri t-turbini eoliċi.

35 Għalhekk, peress li d-domandi tal-qorti tar-rinviju ma jirrigwardawx servizzi, iżda prodotti, f'dan il-każ turbini eoliċi, ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk l-imsemmi rekwiżit jaqax fil-kategorija ta' "regoli dwar servizzi", fis-sens tal-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 2015/1535.

36 Fit-tieni lok, għal dak li jirrigwarda l-klassifikazzjoni eventwali bħala regolament tekniku tal-istess rekwiżit, abbażi tal-appartenenza tiegħu għall-kategorija ta' "speċifikazzjonijiet tekniċi", għandu jiġi osservat li speċifikazzjoni teknika tippreżupponi li l-miżura nazzjonali li tipprevediha tirreferi għall-prodott jew għall-imballaġġ tiegħu bħala tali u li għalhekk tistabbilixxi waħda mill-karatteristiċi meħtieġa ta' dan il-prodott (sentenzi tal-21 ta' April 2005, Lindberg, C-267/03, EU:C:2005:246, punt 57, kif ukoll tad-19 ta' Lulju 2012, Fortuna *et*, C-213/11, C-214/11 u C-217/11, EU:C:2012:495, punt 28).

37 Issa, f'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tirregola sempliċement l-installazzjoni tat-turbini eoliċi billi tistabbilixxi restrizzjoni ta' distanza minima li għandha tiġi osservata għall-installazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, din il-leġiżlazzjoni ma tirreferix għal prodott bħala tali, f'dan il-każ it-turbina eolika, u, għaldaqstant, ma tistabbilixxix waħda mill-karatteristiċi meħtieġa ta' dan il-prodott, fis-sens tal-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 2015/1535, moqri fid-dawl tal-Artikolu 1(1)(ċ) ta' din id-direttiva.

38 Minn dan isegwi li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax taqa' taħt il-kategorija ta' "speċifikazzjonijiet tekniċi", fis-sens tal-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 2015/1535.

39 Fit-tielet lok, għandu jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax taqa' taħt il-kategorija ta' "ħtiġiet oħra", fis-sens tal-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 2015/1535.

40 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li taqa' taħt din il-kategorija leġiżlazzjoni li tistabbilixxi kundizzjoni li tista' tinfluwenza b'mod sinjifikattiv il-kompożizzjoni, in-natura jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott (sentenzi tal-21 ta' April 2005, Lindberg, C-267/03, EU:C:2005:246, punti 69 sa 72, kif ukoll tad-19 ta' Lulju 2012, Fortuna *et*, C-213/11, C-214/11 u C-217/11, EU:C:2012:495, punt 35), peress li dawn il-"ħtiġiet oħra" jirrigwardaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw mit-teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott inkwistjoni wara t-tqegħid fis-suq tiegħu u huma relatati, b'mod partikolari, mal-użu tiegħu.

41 Issa, f'dan il-każ, bħall-evalwazzjoni li tinsab fil-punt 37 ta' din is-sentenza, għandu jiġi osservat li r-rekwiżit li jgħid li l-installazzjoni ta' turbina eolika hija suġġetta għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali ma għandux rabta diretta mal-kompożizzjoni, man-natura jew mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott bħal turbina eolika. F'dan ir-rigward, anki jekk jiġi preżunt li dan ir-rekwiżit iwassal sabiex jiġu limitati l-postijiet eliġibbli għall-installazzjoni ta' turbini eoliċi, u għaldaqstant, li jkollu effett fuq il-kummerċjalizzazzjoni tat-turbini eoliċi, dan l-effett ma huwiex suffiċjentement dirett sabiex l-imsemmi rekwiżit jaqa' taħt il-kategorija ta' "ħtiġiet oħra" li tinsab fl-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 2015/1535.

42 Il-kawża prinċipali hija għalhekk differenti mill-kawżi li taw lok għas-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Fortuna *et* (C-213/11, C-214/11 u C-217/11, EU:C:2012:495), li fihom il-leġiżlazzjoni inkwistjoni li tirrigwarda l-projbizzjoni tal-ħruġ, tat-tiġdid jew tal-emenda tal-awtorizzazzjonijiet relatati mal-attivitajiet tal-logħob awtomatizzati barra mill-casinos kienet timponi kundizzjonijiet li jistgħu jaffettwaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-magni tal-logħob awtomatizzati u, għaldaqstant, kienet ta' natura li taffettwa direttament il-kummerċ ta' dan l-apparat (sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Fortuna *et*, C-213/11, C-214/11 u C-217/11, EU:C:2012:495, punt 36).

43 Minn dan isegwi li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax taqa' taħt il-kategorija ta' "ħtiġiet oħra", fis-sens tal-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 2015/1535, moqri fid-dawl tal-Artikolu 1(1)(d) ta' din id-direttiva.

44 Fir-raba' lok, għandu jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tkun koperta mill-kategorija ta' "il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri […] li jipprojbixxu l-fabbrikazzjoni, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' prodott", fis-sens tal-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 2015/1535.

45 Din il-kategorija tippreżumi li l-miżura inkwistjoni għandha portata li tmur kjarament lil hinn minn limitazzjoni għal ċerti użi tal-prodott inkwistjoni u li ma hijiex limitata għal sempliċi restrizzjoni tal-użu tiegħu (sentenzi tal-21 ta' April 2005, Lindberg, C-267/03, EU:C:2005:246, punt 76, kif ukoll tad-19 ta' Lulju 2012, Fortuna *et*, C-213/11, C-214/11 u C-217/11, EU:C:2012:495, punt 31).

46 Fil-fatt, l-imsemmija kategorija tirrigwarda b'mod iktar partikolari miżuri nazzjonali li ma jħallu lok għal ebda użu għajr purament marġinali li jista' raġonevolment ikun mistenni mill-prodott ikkonċernat (sentenzi tal-21 ta' April 2005, Lindberg, C-267/03, EU:C:2005:246, punt 77, kif ukoll tad-19 ta' Lulju 2012, Fortuna *et*, C-213/11, C-214/11 u C-217/11, EU:C:2012:495, punt 32).

47 F'dan il-każ, għalkemm ir-rekwiżit li jgħid li l-installazzjoni ta' turbina eolika hija suġġetta għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali, impost mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jinvolvi ċertament projbizzjoni ta' installazzjoni ta' turbina eolika b'distanza minima inqas minn għaxar darbiet l-għoli totali tal-installazzjoni ppjanata minn kull bini li għandu funzjoni residenzjali, għandu jiġi osservat li din il-leġiżlazzjoni ma tipprojbixxix madankollu lill-operaturi ekonomiċi milli jkomplu l-installazzjoni ta' turbini eoliċi u, għaldaqstant, milli jużaw u jikkummerċjalizzaw turbini eoliċi.

48 Madankollu, waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni, mingħajr ma ġiet kontradetta mill-Gvern Pollakk, sostniet li, matul il-perijodu 2012-2016, jiġifieri dak li jippreċedi direttament l-adozzjoni tal-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi, il-kapaċitajiet ta' turbini eoliċi installati kienu jammontaw għal 760 megawatt sa 1 000 megawatt fis-sena, filwaqt li, għas-snin 2017 u 2018, wara l-adozzjoni ta' din il-liġi, dawn il-kapaċitajiet installati kienu jammontaw biss għal 12-il megawatt u 6.7 megawatt fis-sena rispettivament.

49 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk ir-rekwiżit li jgħid li l-installazzjoni ta' turbina eolika hija suġġetta għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali ma jwassalx għal projbizzjoni *de facto* tal-kummerċjalizzazzjoni tat-turbini eoliċi billi jħalli lok biss għal użu purament marġinali tagħhom.

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 2015/1535 għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rekwiżit li jgħid li l-installazzjoni ta' turbina eolika hija suġġetta għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali ma jikkostitwixxix regolament tekniku li għandu jiġi nnotifikat skont l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, sakemm dan ir-rekwiżit ma jwassalx għal użu purament marġinali tat-turbini eoliċi, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fuq it-tieni domanda

51 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 15(2)(a) tad-Direttiva 2006/123 għandux jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-installazzjoni ta' turbina eolika għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali taqax taħt ir-regoli li jissuġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha għal limitu territorjali fil-forma, b'mod partikolari, ta' limiti ffissati skont distanza minima bejn fornituri, li l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 15(7) ta' din id-direttiva.

52 Preliminarjament, għandu jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2006/123.

53 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, qabelxejn, li d-Direttiva 2006/123 tapplika, skont l-Artikolu 2(1) tagħha, għas-servizzi pprovduti mill-forniturі li għandhom l-istabbiliment tagħhom fi Stat Membru, bl-esklużjoni tal-attivitajiet u tal-oqsma msemmija fl-Artikolu 2(2) u (3) tagħha.

54 Sussegwentement, skont l-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, għall-finijiet ta' din tal-aħħar, is-"servizz" għandu jinftiehem bħala kull attività ekonomika bħala persuna li taħdem għal rasha, normalment magħmula bi ħlas, imsemmija fl-Artikolu 57 TFUE.

55 Fl-aħħar nett, il-premessa 76 tal-imsemmija direttiva tispeċifika li r-restrizzjonijiet ipprojbiti skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat FUE jkopru r-rekwiżiti applikabbli għall-aċċess għall-attivitajiet ta' servizzi jew għall-eżerċizzju tagħhom u mhux għal dawk applikabbli għal oġġetti bħala tali.

56 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, minkejja li l-Artikolu 4(1) tal-Liġi dwar it-Turbini Eoliċi jistabbilixxi limitu territorjali fir-rigward tal-installazzjoni tat-turbini eoliċi, din id-dispożizzjoni tirrigwarda l-attività ta' produzzjoni ta' prodott, jiġifieri l-elettriku.

57 Issa, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-attività ta' produzzjoni ta' prodott ma tistax titqies, bħala tali, li hija servizz (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Mejju 1985, Il-Kummissjoni vs Franza, 18/84, EU:C:1985:175, punt 12, kif ukoll tal-11 ta' Lulju 1985, Cinethèque *et*, 60/84 u 61/84, EU:C:1985:329, punt 10).

58 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-installazzjoni ta' turbina eolika għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123.

59 Waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ECO-WIND sostniet li l-attività ta' produzzjoni tal-elettriku kienet akkumpanjata mill-provvista ta' servizzi ta' kontroll tan-netwerk kif ukoll ta' servizzi ta' protezzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija. Madankollu, l-eżistenza ta' tali provvista ta' servizzi ma tistax tikkontesta l-konklużjoni stabbilita fil-punt preċedenti sa fejn l-imsemmija servizzi huma anċillari għall-attività prinċipali ta' produzzjoni tal-elettriku.

60 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda hija li l-Artikolu 15(2)(a) tad-Direttiva 2006/123 għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni li tissuġġetta l-installazzjoni ta' turbina eolika għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali ma taqax taħt ir-regoli li jissuġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha għal limitu territorjali fil-forma, b'mod partikolari, ta' limiti ffissati skont distanza minima bejn forniturі, li l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 15(7) ta' din id-direttiva.

Fuq it-tielet domanda

61 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/28 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni li tissuġġetta l-installazzjoni ta' turbina eolika għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali.

62 Sabiex tingħata risposta għat-tielet domanda, għandu jiġi eżaminat, fl-ewwel lok, jekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jipprekludix leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-installazzjoni ta' turbina eolika għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali.

63 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva jiddefinixxi qafas komuni għall-promozzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, billi jistabbilixxi, b'mod partikolari, għanijiet vinkolanti nazzjonali globali dwar is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija.

64 Għalhekk, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/28 jimponi fuq kull Stat Membru l-obbligu li jiżgura li s-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali tiegħu tal-enerġija jilħaq livell minimu għas-sena 2020. Fir-rigward tar-Repubblika tal-Polonja, mit-tielet kolonna tal-Parti A tal-Anness I ta' din id-direttiva jirriżulta li dan il-livell huwa ffissat għal 15 % tal-konsum finali tal-enerġija ta' dan l-Istat Membru fl-2020.

65 Sabiex jintlaħaq l-imsemmi livell, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/28 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri mfassla b'mod effikaċi u għandhom josservaw trajettorja indikattiva li hija spjegata fil-Parti B tal-Anness I ta' din id-direttiva.

66 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-miżuri li huma jqisu xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet vinkolanti nazzjonali globali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 2009/28, moqri flimkien mal-Anness I ta' din id-direttiva (sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Elecdey Carcelen *et*, C-215/16, C-216/16, C-220/16 u C-221/16, EU:C:2017:705, punt 32).

67 Fil-fatt, huma għandhom marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-għażla tal-mezzi implimentati u jibqgħu, f'dan il-kuntest, liberi li jirregolaw u jiżviluppaw is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli li jqisu l-iktar adattati għas-sitwazzjoni tagħhom kif ukoll li jiffavorixxu sors ta' enerġija rinnovabbli iktar minn ieħor.

68 Tali interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2009/28. Fil-fatt, minn naħa, mill-premessa 14 tagħha jirriżulta li din id-direttiva tinkoraġġixxi l-iżvilupp kontinwu ta' teknoloġiji li jiġġeneraw enerġija mit-tipi kollha ta' sorsi rinnovabbli. Min-naħa l-oħra, mill-premessa 19 tal-imsemmija direttiva jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom sabiex isegwu trajettorja indikattiva u jieħdu inkunsiderazzjoni l-kumbinazzjoni ottimali ta' teknoloġiji b'effiċjenza enerġetika għolja u enerġija minn sorsi rinnovabbli.

69 Minn dan isegwi li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/28 ma jipprekludix, bħala tali, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-installazzjoni ta' turbina eolika għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali.

70 Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat jekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) ta' din id-direttiva, li jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli nazzjonali dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni li japplikaw għall-installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli huma proporzjonati u neċessarji, jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

71 Qabelxejn, għandu jiġi vverifikat jekk ir-rekwiżit li jirriżulta minn leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistax ikun kopert mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/28.

72 Fl-ewwel lok, mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li din tirrigwarda eventwali regoli nazzjonali dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ta' ċertifikazzjoni u ta' għoti ta' liċenzji li japplikaw għall-installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

73 Fit-tieni lok, għandu jiġi osservat li, skont il-premessa 40 tad-Direttiva 2009/28, il-proċedura użata mill-amministrazzjoni inkarigata mis-sorveljanza tal-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-għoti ta' liċenzji għal dan it-tip ta' installazzjonijiet għandha tkun oġġettiva, trasparenti, nondiskriminatorja u proporzjonata meta tapplika għal proġetti speċifiċi.

74 Fit-tielet lok, mill-Artikolu 13(1)(d) tad-Direttiva 2009/28 jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li r-regoli nazzjonali tagħhom li jirregolaw l-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-għoti tal-liċenzji jkunu oġġettivi, trasparenti u proporzjonati, ma joħolqu ebda diskriminazzjoni bejn l-applikanti u jieħdu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ il-partikolaritajiet ta' kull teknoloġija fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli.

75 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, għalkemm l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/28 juża l-espressjoni "kull regola nazzjonali li tikkonċerna l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni", minn naħa, u l-kliem "[p]roċeduri amministrattivi, regolamenti u kodiċijiet" jinsabu fit-titolu tiegħu, huwa madankollu ma jagħmel ebda distinzjoni u ma jeskludix espressament ir-regoli ta' natura mhux proċedurali. Għaldaqstant, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex limitat sabiex ikopri r-regoli ta' natura proċedurali.

76 Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mis-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Azienda Agro-Zootecnica Franchini u Eolica di Altamura (C-2/10, EU:C:2011:502, punti 72 u 73), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza, li kienet tinvolvi, essenzjalment, projbizzjoni totali u awtomatika ta' kostruzzjoni ta' turbini eoliċi f'żoni li jappartjenu lin-netwerk Natura 2000, kellha tiġi evalwata fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/28, għaliex din il-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tikkostitwixxi regola nazzjonali dwar il-proċeduri amministrattivi ta' awtorizzazzjoni ta' installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

77 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li sostna l-Gvern Pollakk quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/28 ma jikkonċernax biss ir-regoli ta' natura proċedurali, iżda jikkonċerna wkoll ir-regoli nazzjonali l-oħra li jirregolaw l-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-għoti ta' liċenzji li japplikaw għall-installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

78 F'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi regola nazzjonali li tirregola l-awtorizzazzjoni ta' installazzjonijiet ta' turbini eoliċi, sa fejn, kif iddikjara l-Gvern Pollakk waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, tali installazzjonijiet ma jistgħux jiġu awtorizzati jekk ma josservawx ir-rekwiżiti stabbiliti minn din il-leġiżlazzjoni.

79 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/28 huwa applikabbli għal leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-installazzjoni ta' turbina eolika għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali.

80 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk tali leġiżlazzjoni hijiex neċessarja u proporzjonata.

81 Għalhekk, hija din il-qorti li għandha tivverifika li l-miżuri adottati mill-Istat Membru kkonċernat ma jaqbżux il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi mfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li, meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel dik l-inqas restrittiva, u li l-inkonvenjenzi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Azienda Agro-Zootecnica Franchini u Eolica di Altamura, C-2/10, EU:C:2011:502, punt 73).

82 Għal dan il-għan, l-imsemmija qorti għandha b'mod partikolari tieħu inkunsiderazzjoni, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri msemmija fil-punti 66 u 67 ta' din is-sentenza, il-fatt li din il-leġiżlazzjoni hija limitata biss għat-turbini eoliċi, bl-esklużjoni ta' forom oħra ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli, bħall-installazzjonijiet fotovoltajċi jew ta' bijomassa. Barra minn hekk, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li din il-leġiżlazzjoni ġiet adottata fuq livell nazzjonali u li hija ċċaħħad lill-awtoritajiet lokali minn kull setgħa diskrezzjonali fir-rigward tal-possibbiltà li jidderogaw mir-rekwiżit li jgħid li l-installazzjoni ta' turbina eolika hija suġġetta għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali.

83 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar' il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda hija li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/28 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni li tissuġġetta l-installazzjoni ta' turbina eolika għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali, sakemm din il-leġiżlazzjoni tkun neċessarja u proporzjonata fid-dawl tal-għan vinkolanti nazzjonali globali tal-Istat Membru kkonċernat, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fuq l-ispejjeż

84 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rekwiżit li jgħid li l-installazzjoni ta' turbina eolika hija suġġetta għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali ma jikkostitwixxix regolament tekniku li għandu jiġi nnotifikat skont l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, sakemm dan ir-rekwiżit ma jwassalx għal użu purament marġinali tat-turbini eoliċi, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.**

2) **L-Artikolu 15(2)(a) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni li tissuġġetta l-installazzjoni ta' turbina eolika għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali ma taqax taħt ir-regoli li jissuġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha għal limitu territorjali fil-forma, b'mod partikolari, ta' limiti ffissati skont distanza minima bejn fornituri, li l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 15(7) ta' din id-direttiva.**

3) **L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni li tissuġġetta l-installazzjoni ta' turbina eolika għall-osservanza ta' distanza minima bejn din tal-aħħar u bini li għandu funzjoni residenzjali, sakemm din il-leġiżlazzjoni tkun neċessarja u proporzjonata fid-dawl tal-għan vinkolanti nazzjonali globali tal-Istat Membru kkonċernat, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.**

Firem